A.L. 152 ta' l-2008

ATT DWAR L-I*SPORTS*
(KAP. 455)

Ordni ta' l-2008 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2008 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 3).

Proprjetà assenjata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan assenjata għall-finijiet tat-tgawdija, pussess, użu u amministrazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet li jappartjenu għal dik il-proprjetà assenjata skond l-artiklu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà assenjata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita u tkun vestita fil-Kunsill Malti għall-I*sport* kif provdut fl-imsemmi artiklu b'seħħ mill-1 ta' Ġunju, 2008.


Deskrizzoni ta' proprjetà assenjata.1

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

Il-Fortizza tal-Mellieħa (*ex-Observation Post*) fi Triq Santa Marija, Mellieħa ta' madwar 4,198 metru kwadru u suġġetta għal servitu eżistenti, li tmiss mit-Tramuntana, min-Nofs in-Nhar u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern, kif delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 241_2003.

B 2290





Site Plan **Scale 1:2500**
S.S. 4279 **Map Ref. 42819 79411**

AREA: 4198 m²
SUBJECT TO EXISTING SERVITUDES

GOVERNMENT PROPERTY DIVISION
ESTATE MANAGEMENT DEPARTMENT

LOCALITY: MELLIEHA

P.D. No: 241_2003 **SCALE 1:500**

FILE: L465/63 DRAWN BY: MIFSA019 CHECKED BY:

(sgd. S. Scotto)
A&CE
DATE: 29/01/2004

(sgd. J. Caruana)
Director Estate Management
DATE: 29/01/2004